**24 ta' Ottubru, 1964**

**Imhallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Carmelo Cremona noe

*versus*

Salvatore Farrugia

**"Hire purchase" — "Riservato dominio" — Preskrizzjoni — Skrittura — Art. 13977, 2223, 2230, 2253 u 2261, Kodiċi Ċivili.**

*Meta bejgh isir bil-"hire purchase system" ikun subordinat ghall-*

*kondizzjoni tal-ħlas totali tal-prezz, u sakemm jitħallsu r-rati kollha tal-prezz mhux jiftiehem il-proprjetà tal-oġġett mibjugħ tibqa' għand il-venditur u għalhekk sakemm iħallas il-prezz kollu il-kompratur ma jkunx jista' jippreskrivi favur tiegħu nnifsu, għaliex ma jkunx qiegħed iżomm il-ħaġa bħala tiegħu.*

*Mela kreditur ikun naxxenti minn skrittura l-preskrizzjoni applikabbli hija ta' ħames snin.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine — premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa — talab illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attur nomine s-somma ta' għoxrin lira u għaxar xelini (£20.10.0d.) bilanċ ta' prezz ta' washing machine u servicing ta' l-istess washing machine; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Mejju, 1963;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jgħid: (1) illi l-azzjoni hija preskritta stante li dan il-bejgħ sar disa' snin ilu; (2) illi huwa m'għandux relazzjoni mal-attur stante li dan xtara l-washing machine in kwistjoni minn għand ċertu Emanuele Borg; (3) illi fil-meritu u mingħajr preġudizzju ta' l-eċċezzjonijiet fuq imsemmija d-domanda attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li hu m'għandux x'jagħti lill-attur;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li l-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni tal-azzjoni in bażi għall-artikolu 2253 tal-Kodiċi Ċivili, iġifieri dik rigwardanti l-azzjonijiet tal-kreditur għall-prezz ta' merkanzija oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli mibjugħa bl-imnut. Dana jfisser li biex

tapplika dina l-preskrizzjoni huwa meħtieġ li l-vendita tkun ipperfezzjonat ruħha , anki jekk il-prezz ma jkunx tħallas (art. 1397 Kod. Ċiv.).

Ikkunsidrat:

Li l-bejgħ tal-washing machine in kwistjoni sar bis-saħħa tal-iskrittura tas-17 ta' Jannar, 1956 esibita a fol. 15 tal-proċess, fejn, fost kondizzjonijiet oħra relativi għall-modalità tal-pagament, ġie espressament stipulat il-patt tar-"riservato dominio" fil-venditur, b'dawna l-kliem: "Meanwhile the said Refrigerator (recte Washing Machine) shall remain and considered *to be the exclusive property of the said Cremona nomine*, until the value thereof has been fully paid".

Ikkunsidrat:

Li mill-estratt-kont meħud mill-kotba tad-ditta attriċi *(Dok. B fol. 16) jirriżulta li l-konvenut, flimkien mal-imsemmija* washing machine kien xtara kważi sena u nofs wara, Refrigerator, bil-prezz ta' £7.10.0d. u £2 servicing. B'kollox il-konvenut kellu jagħti lill-attur nomine s-somma kompiessiva ta' £75.10.0d. li minnha l-konvenut ħallas, f'diversi akkonti, is-somma ta' £155.0.0d., u għalhekk, skond l-imsemmi kont, — li ma ġie f'ebda mod kontestat — il-konvenut baqagħlu jagħti s-somma bilanċjali ta' £20.0.0d.

Li, il-partijiet qablu li r-refrigerator huwa integralment imħallas; dan ifisser li meta mis-somma ta' *£155.0.0d. imħallsa* akkont mill-konvenut, tnaqqas il-prezz tar-Refrigerator li jammonta għal £99.10.0d., tibqa' pagament akkont, tal-prezz tal-washing machine. Irriżulta li l-aħħar pagament akkont sar fis-17 ta' Frar, 1961, iġifieri kważi sentejn u nofs wara l-ittra uffiċjali li l-attur bagħat lill-konvenut fid-9 ta' Mejju, 1963;

Ikkunsidrat:

Li in relazzjoni għall-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut għandu jiġi mal-ewwel rilevat li l-bejgħ in kwistjoni sar bil-"hire purchase system", u għalhekk huwa subordinat għall-kondizzjoni tal-ħlas totali tal-prezz, u sakemm jitħallsu r-rati kollha tal-prezz miftiehem, il-proprjetà tal-oġġett hekk mibjugħa tibqa' għand il-venditur (Kollez. XXIX, iii, 377; XXX, iii, 388; XXVII, iii, 697; XXXVII, ii, 632).

Li, irriżulta mill-provi li l-konvenut għadu ma ħallasx ir-rati kollha, u għalhekk, billi l-proprjetà tal-washing machine għadha riservata favur l-attur, il-konvenut ma jistax jippreskrivi favur tiegħu innifsu, għaliex mhux qiegħed iżomm il-ħaġa bħala tiegħu (art. 2223 tal-Kod. Ċiv.); liema oġġett isir tal-konvenut malli tivverifika ruħha l-kondizzjoni tal-pagament tal-prezz kollu kif ġie stipulat )art. 2230(a) Kod. Ċiv.). Dana jingħad għaliex f'venditi bħal dawna, mhux legalment konċepibbli jsir proprjetarju assolut tal-oġġett minnu mixtri, meta l-konsegwiment tal-proprjetà jiddependi mill-adempiment tal-kondizzjoni tal-pagament totali tal-prezz, meta ċioè, il-klawsola kontrattwali tar-riservato dominio fil-venditur tirriesolvi ruħha favur il-kompratur bħala effett tal-avverament tal-kondizzjoni tal-ħlas totali tal-prezz miftiehem. Il-Qorti, tasal għalhekk għall-konklużjoni, li f'dina x-xorta ta' bejgħ ma jistax jivverifika ruħu każ ta' preskrizzjoni, għaliex il-kompratur jew għadu ma jkunx ħallas u allura ma jistax jeċċepiha għar-raġunijiet fuq esposti, jew ikun ħallas l-intier, u allura mhux il-każ li tiġi eċċepita għaliex ma jkunx hemm dejn.

Ikkunsidrat:

Li, anki jekk per ipotesi, il-konvenut huwa ammess jagħti eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, dik eċċepita minnu in bażi għall-art. 2253 tal-Kodiċi Ċivili, ma treġix, għaliex, trattandosi ta'

kreditu naxxenti minn skrittura. il-preskrizzjoni hija ta' ħames snin (art. 2261(f) tal-Kod. Ċiv.). Anki f'din l-ipotesi, il-preskrizzjoni mhiex sostenibbli, billi jirriżulta li l-konvenut ħallas l-aħħar akkont fis-17 ta' Frar, 1961, u l-ittra uffiċjali u ċ-ċitazzjoni saru fit-termini utili mill-aħħar att ta' rikonjizzjoni taddebitu magħmul mill-konvenut bl-imsemmi pagament akkont.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tordna li l-kawża titkompla fil-meritu.